MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 279/2009

Kawza fil-lista: 31

**B C nee' D f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri E C;**
**u F G H**
**Vs**
**I C;**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-atturi ppremettew: li l-attrici u l-konvenut I, konjugi C huma de facto separati; li ricentement l-konvenut I C kien qed iservi kundanna fil-facilita' korrettiva ta' Kordin; li minn relazzjoni extra-matrimonjali li l-attrici tittrattjeni ma' l-attur twieldet it-tifla E [fis-6 ta' April 2009; li din it-tifla giet registrata bhala bint il-konvenut I C mentri fil-fatt mhijiex it-

tifla tieghu; li fiz-zmien il-koncepiment dan il-konvenut kien qieghed mizmum il-habs u ghalhekk kien fl-impossibilita’ fizika li jghammar ma’ martu; ghaldaqstant qed jitolbu li:

1. Illi l-minuri E m’ hijix il-wild naturali tal-konvenut I C;

2. Illi l-missier naturali tal-minuri E C huwa fil-fatt ir-rikorrenti F G H;

3. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tat-twelid tal-minuri E C, jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega biex ikun jidher, fil-kolonni relattivi li l-missier huwa F G H, li ghandu karta ta’ l-identita’ numru 295883, ghandu 26 sena, twieled Pieta’, joqghod il-Birgu, waqt li missieru huwa Emanuel G li ghadu haj u biex l-ewwel kolonnatac-certifikat tat-twelid jithassru l-kliem ‘l-imsemmi (the said)’ li jinsabu qabel isem Sean C.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda:

1. Illi preliminarjament jingħad li talanqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha B C ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri E C skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2. Illi in linea preliminari wkoll jiġi eċċepit li r-rikorrenti <u>B C f’isimha proprju u F G H</u> m’għandhomx il-jedd skont il-liġi li jitolbu għal dikjarazzjoni ġudizzjali li l-minuri E McKeown hija l-wild naturali ta’ l-imsemmi F G H. *Semmai* kulma setgħu jeżerċitaw f’dan il-kuntest huwa d-dritt li jattakkaw l-filjazzjoni tal-minuri billi jitolbu li jiġi deċiż u ddikjarat li E C mhijiex il-wild naturali ta’ I C u dan fil-parametri stretti tal-**Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**. Kwindi ġaladarba r-rikorrenti B C f’isimha proprju u F G H ma nkwadrawx l-azzjoni tagħhom fit-termini tal-

**Artikolu 77** *de quo* jsegwi li t-talbiet tagħhom kif impostati ma jistgħux jintlaqgħu;

3. Illi fuq l-istess stregwa lanqas it-talbiet tar-rikorrenti 'l oħra ċjoé E C rappreżentata minn ommha B C ma jistgħu jiġu akkolti u dan għaliex fil-konfront tal-konvenut I C hi potenzjalment setgħet tikseb biss dikjarazzjoni ġudizzjali li hi m'għandhiex il-pussess ta' stat konformi mal-istat li jagħtiha l-Att tat-Twelid tagħha *ossia* li fir-realtà soċjali hi mgħandhiex stat ta' wild imnissel u imwieled matul iż-żwieġ (*Ara l-**Artikolu 81 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta***);

4. Illli bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri B C, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem I C, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru 1387 tas-sena 2009. Inoltre r-rikorrenti E C trid tagħżel liema kunjom ħa żżomm wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

6. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tal-15 ta’ Gunju 2010 li permezz tieghu l-atturi rtiraw it-tieni talba taghhom in vista ta’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Direttur;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Paul Sultana u l-ispizjara Dottor Marisa Cassar;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla E li twieldet mill-attrici fis-6 ta’ April 2009 u li fuq l-att tat-twelid taghha numru 1387/09 hija ndikata bhala l-wild tal-konvenut I C, mhijiex fil-fatt il-wild naturali tieghu, u qed jitolbu l-konsegwenzjali korrezzjoni fl-istess att tat-twelid.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li meta l-attrici sseparat *de facto* minn ma’ zewgha, il-konvenut I C, u meta dan kien qieghed iservi sentenza ta’ prigunerija fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, hija dahlet f’ relazzjoni ma’ l-attur F G H, u minn din ir-relazzjoni twieldet it-tifla E fis-6 ta’ April 2009.

Illi l-atturi jsostnu li din mhijiex il-wild naturali tal-konvenut I Mc Keon; u r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici jissufragaw din it-tezi, stante li jeskludi lil dan il-konvenut bhala il-missier naturali tat-tifla.

Illi dan premezz u kkunsidrat l-ewwel talba ta’ l-atturi, u l-ewwel parti tat-tieni talba taghhom huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba, u tiddikjara li t-tifla E li twieldet mill-attrici fis-6 ta’ April 2009

[1] Fol.41 *et seq.*

registrata bl-att tat-twelid numru 1387/09 mhijix il-wild naturali tal-konvenut I C, u konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-imsemmi att tat-twelid f' dan is-sens, kif ukoll li jigu kancellati l-kliem "the said" li jinsabu qabel l-isem I C.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attrici proprio u ta' l-attur konguntivament fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------